# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 28 ta' Jannar 2016**

**Kawza Numru : 40**
**Rikors Guramentat Numru : 127/2015/LSO**

**The General Soft Drinks Company Limited (C1591)**

**vs**

**Gaetano Falzon (K.I. Nru. 868451(M))**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tas-socjeta` The General Soft Drinks Company Limited (C1591) datat 11 Frar 2015 fejn esponiet: -

Illi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Rosario Bonello tad-disgha (9) ta' April tas-sena elfejn u

tlieta (2003), anness u immarkat bhala Dok. "A", is-socjeta`' attrici selfet is-somma ta' tlieta u disghin elf mija erbgha u sebghin u erbgha u disghin centezmu (€93,174.94) lill-konvenut.

Illi sussegwentement saru xi pagamenti lis-socjeta' attrici, u prezentement l-ammont dovut lill-istess socjeta` attrici huwa ta' tlieta u ghoxrin elf, tmien mija u tlieta u ghoxrin ewro u centezmu (€ 23,823.01) u dana kif jirrizulta mill-anness resokont immarkat bhala Dok. "B".

Illi l-imsemmi ammont baqa' ma giex saldat minkejja illi kellu jigi saldat mhux aktar tard mill-ewwel (1) ta' Marzu tas-sena elfejn u sitta (2006) u dana minkejja illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas.

Illi fil-fehma tal-esponenti *nomine*, din is-somma ta' €23,823.01 hija certa, likwida u dovuta u l-konvenut m'ghandu l-ebda eccezzjoni xi jressaq ghall-hlas ta' dan id-debitu.

Ghaldaqstant jghidu ghalhekk il-konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex *in vista* tas-suespost:

1. Tiddispensa mis-smigh tal-kawza *a tenur* tal-artikolu 167 *et seq* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta); u

2. Tikkundanna l-konvenuta thallas is-somma ta' €23,823.01 rapprezentanti l-ammont bilancjali dovut mill-konvenuti fil-konfront tas-socjeta` attrici kif inghad.

Bl-ispejjes, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali numru 2144/2013 prezentat fit-tmintax (18) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) kif ukoll bl-imghax mill-1 ta' Marzu 2006 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ingunzjoni tal-konvenuti in subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-12 ta’ Marzu 2015.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta’ Mejju 2015 (fol 12) fejn meta ssejhet il-kawza ma deher hadd. Peress li ma rrizultax li sar tentattiv iehor ghan-notifika tal-intimat mill-ahhar differiment, il-Qorti ordnat li din il-kawza titkompla bil-procedura normali u mhux bhala kawza sommarja, u ghalhekk cahdet l-ewwel talba attrici u halliet l-kawza ghan-notifika tal-konvenut ghall-11 ta’ Gunju 2015. Ordnat komunika ta’ dan id-digriet lid-difensur tas-socjeta` attrici u n-notifika tal-istess lill-intimat.

Rat illi l-konvenut Gaetano Falzon minkejja li gie notifikat bi procedura ta’ l-affissjoni fis-26 ta’ Awwissu 2015, kif jidher *a tergo* ta’ fol 20, baqa’ ma pprezenta l-ebda risposta.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 24 ta’ Novembru 2015 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Joseph Ellis ghas-socjeta` attrici. Irrizulta li l-konvenut huwa notifikat izda ma pprezentax risposta guramentata, u ghalhekk tiddikjarah kontumaci. Xehed bil-gurament tieghu Dr Joseph Ellis, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Dr

Ellis iddikjara li m'ghandux aktar provi x'jipproduci. Il-Qorti halliet l-kawza ghas-sentenza ghat-28 ta' Jannar 2016 fid-9:30a.m. b'dan illi l-konvenut ghandu zmien 21 gurnata minn dan il-verbal sabiex jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet bin-notifika tad-difensur tal-kontro-parti li jkollu 15-il jum min-notifika biex jipprezenta nota responsiva.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza tirrigwarda kuntratt li sar bejn is-socjeta` rikorrenti u l-intimat Gaetano Falzon. Permezz ta' dan il-kuntratt, s-socjeta` rikorrenti selfet is-somma ta' erbghin elf Liri Maltin (Lm40,000) ossija tlieta u disghin elf, mija, erbgha u sebghin ewro u erba' u disghin centezmu (€93,174.94) lill-intimat.

Jirrizulta li l-intimat huwa kontumaci u, wara li nghata l-fakolta li jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet tieghu baqa' ma ghamel xejn.

**Provi:**

**Dr. Joseph Ellis**[1] ikkonferma li wara konsultazzjoni mal-ufficjal tal-kumpanija attrici, Maria Calamatta, jirrizulta li l-bilanc dovut ghadu l-istess kif dikjarat fir-rikors u l-ahhar pagament li kien sar kien fit-30 ta' Settembru 2009 ta' wiehed u tletin Ewro (€ 31).

[1] Seduta tal-24 ta' Novembru 2015

***Fattispecie* tal-kaz in ezami:**

Jigi kkonsidrat qabel xejn li ghalkemm l-intimat Gaetano Falzon hu kontumaci dan ma jfissirx li l-attur m'ghandux jipprova l-kaz tieghu. *"Hu pacifiku li l-kontumacja ma hijiex ammissjoni."* ("**Charles Saliba vs Salvu Borg**" – Appell 27 ta' Gunju 1997) u "*skont kif dejjem gie ritenut minn dawn il-Qrati l-kontumacja ghandha tigi interpretata wkoll bhala oppozizzjoni u l-Qorti ghalhekk tidhol f'certi dettalji li thoss li huma mehtiega biex tistabbilixxi l-verita` tal-fatti.*" ("**Ruth Apap vs Noel Apap**" – P.A. FDP 30-6-1995, u **"Emanuel Spiteri et vs Benedetta Meilak noe**". P.A. AF 15-1-2014).

Jirrizulta li kien hemm kuntratt ippubblikat minn Nutar Dottor Mario Rosario Bonello datat id-9 ta' April 2003, dwar is-self mertu tal-kaz odjern. (Dok A) (fol 4-6). Dan il-kuntratt isemmi specifikatament li s-somma mislufa kellha tigi rifuza mhux aktar tard mill-1 ta' Marzu 2006 minghajr interessi u fi skadenzi annwali ta' mhux anqas minn tlettax-il elf u hames mitt Liri Maltin (LM13, 500).

Illi s-socjeta` rikorrenti sostniet li saru xi pagamenti mis-socjeta` rikorrenti, izda li d-dejn ma giex saldat fl-intier tieghu u ghad fadal l-ammont dovut ta' tlieta u ghoxrin elf, tmien mija u tlieta u ghoxrin ewro u centezmu (€23,823.01), kif jirrizulta mir-resa konti esebita (Dok B) (fol 7). L-intimat baqa' inadempjenti minkejja interpellazzjoni ufficjali (ittra ufficjali bin-numru 2144/13 pprezentata fit-18 ta' Lulju 2013). Din l-ittra mhiex esebita fl-atti tal-kawza. Illi *stante* li sussegwentement ghal dan, l-intimat baqa'

inadempjenti, u s-socjeta` rikorrenti pprocediet bil-kaz odjern. L-unika xhud li tressaq f'din il-kawza kien l-avukat difensur tas-socjeta` rikorrenti Dr. Joseph Ellis li kkonferma li l-bilanc dovut ghadu dak li jidher a fol 7 peress li l-ahhar pagament li sar mill-intimat hu datat 30 ta' Settembru 2009, hekk kif jidher fir-resokont a fol 7.

Referibbilment ghall-kontumacja tal-intimat, huwa inkontestat li ma sarux iktar hlasijiet oltre` dawn li diga saru li jidhru elenkati f'Dok B. L-intimat naqas milli jaghti raguni valida ghall-inadempjenza tieghu. Ikkonsidrat li ghalkemm kontumacja hija oppozizzjoni, xorta wahda hu importanti li tali oppozizzjoni tkun valida. Ghalhekk, din il-Qorti tikkonkludi, wara li evalwat il-provi, li ghad hemm dovut mill-intimat lis-socjeta` rikorrenti l-ammont ta' tlieta u ghoxrin elf, tmien mija u tlieta u ghoxrin ewro u centezmu (€23,823.01).

Illi ghalhekk, jirrizulta li t-talba tas-socjeta` rikorrenti hija gustifikata, u ghandha tigi milqugha.

Illi l-ewwel talba gja giet sorvolata billi din il-Qorti ordnat il-prosegwiment tal-kawza bil-proceduri normali u mhux bhala kawza sommarja.

## III. <u>KONKLUZJONI</u>

Illi ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi** billi fil-kontumacja tal-intimat, u filwaqt li tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tal-ewwel talba attrici, tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta` rikorrenti is-somma ta' tlieta u ghoxrin elf, tmien mija u

tlieta u ghoxrin ewro u centezmu (€23,823.01) bl-imghaxijiet kummercjali li jibdew jiddekorru mill-1 ta' Marzu 2006 sad-data tal-pagament effettiv.

**L-ispejjez kollha jithallsu mill-intimat.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**28 ta' Jannar 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**28 ta' Jannar 2016**